MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-2 ta' Settembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 74/2016/1 LM

**Eugene Cardona (K.I. 124359M)**
*(l-appellant)*

***vs.***

**L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, magħrufa wkoll bħala Transport f'Malta, u kif korrett b'digriet tat-30 ta' Mejju, 2019, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta**
*(l-appellata)*

**Il-Qorti,**

## <u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Eugene Cardona** (minn issa 'l quddiem "l-appellant"), mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni

Amministrattiva (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal") fit-30 ta' Mejju, 2019, li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda illi:

> *"... limitatament jilqa' l-appell tar-rikorrenti in kwantu fir-rigward tal-vettura Mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni JAD 513 qiegħed jirrevoka d-deċiżjoni appellata in kwantu imponiet 10 punti ta' penalità fir-rigward tan-nuqqas ta' ittestjar tas-sedili u in kwantu imponiet 50 punt ta' penalità fir-rigward tad-difett fit-*tyres. *Jirrevoka wkoll sebgħin (70) punt ta' penalità fir-rigward tad-difett riskontrat fl-i*steering *u fil-*half shaft bellows *biex ir-rikorrent jiġi penalizzat darba biss għal kull infrazzjoni u mhux kif imniżżel għall-parti tal-lemin u għall-parti tax-xellug, però jikkonferma l-bqija tad-deċiżjoni appellata, inkluż is-sospensjoni tal-liċenzja għal sena lir-rikorrent* qua tester *u wkoll il-punti ta' penalità u multa imposta* qua *operatur.*
>
> *Bl-ispejjeż in kwantu żewġ terzi għar-rikorrent u terz għall-Awtorità intimata."*

**<u>Fatti</u>**

2. L-intimata **Awtorità għat-Trasport f'Malta**, hawnhekk "l-appellata", fit-18 ta' Ottubru, 2016, infurmat lir-rikorrent permezz ta' ittra, li huwa kien weħel 445 punt penali bħala *tester* in vista ta' diversi nuqqasijiet li nstabu fuq il-vettura tal-għamla Mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni JAD 513, u li ġiet imposta fuqu penali amministrattiva fl-ammont ta' ħdax-il elf Euro (€11,000) *ai termini* tar-Regolamenti 21(3) (4) u (5) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15, u li kien weħel 170 punt penali ieħor bħala *tester* minħabba fin-nuqqasijiet li nstabu fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GBQ 715 tal-għamla Peugeot. Permezz ta' din l-istess ittra, ir-rikorrent ġie mgħarraf ukoll li l-liċenzja tiegħu

bħala *tester* kienet qiegħda tiġi sospiża għal perijodu ta' sena skont l-istess Regolamenti.

Ir-rikorrent ressaq l-appell tiegħu quddiem it-Tribunal wara li ħass ruħu aggravat b'din id-deċiżjoni tal-intimata, li huwa qal li hija nulla u mhux konformi mal-prinċipji ta' ġustizzja naturali, peress li d-deċiżjoni fil-konfront tiegħu ittieħdet mingħajr ma ngħata l-opportunità jagħti l-verżjoni tiegħu tal-fatti kif ġraw. Ir-rikorrent saħaq li mhux minnu li kien hemm xi irregolaritajiet da parti tiegħu, u huwa kien ġustifikat meta ħareġ ċertifikati li jindikaw li l-vetturi bin-numri ta' reġistrazzjoni JAD 513 u GBQ 715 kienu għaddew mit-test tal-VRT.

## <u>Mertu</u>

3. Permezz ta' ittra tat-18 ta' Ottubru, 2016, ir-rikorrent kien ġie infurmat mill-Awtorità intimata li kien qiegħed jiġi penalizzat u mmultat, u li kienet qiegħda tiġi sospiża l-liċenzja tiegħu ta' *tester* għal perijodu ta' sena, wara li nstabu għadd ta' irregolaritajiet fir-rigward ta' żewġ vetturi li kienu ġew ittestjati għall-VRT fil-garaxx tiegħu. F'din l-ittra, ir-rikorrent ġie mgħarraf liema kienu d-difetti li nstabu fil-vettura Mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni JAD 513 waqt *retest* li sar fit-28 ta' Lulju, 2016, u dan wara l-ewwel test li kien sar minnu fil-21 ta' Lulju, 2016 fuq l-istess vettura. Ir-rikorrent ġie mgħarraf li l-għada li sar it-test minnu, il-vettura inkwistjoni ġiet elevata mill-Pulizija, fejn mill-ewwel ġie stabbilit li din ma kinitx tajba biex tinstaq fit-triq. Fl-ittra

mibgħuta lir-rikorrent, ġie infurmat ukoll li vettura oħra ttestjata minnu, dik tal-marka Peugeot 206, bin-numru ta’ reġistrazzjoni GBQ 715, ukoll ma kellhiex tgħaddi mit-test, wara li ġie stabbilit li din kienet weħlet mit-test minħabba *front axle brake imbalance,* u minkejja dan ir-rikorrent xorta waħda ħareġ ċertifikat li din il-vettura kienet għaddiet mit-test. L-Awtorità intimata ġibdet l-attenzjoni tar-rikorrent ukoll għall-fatt li fiż-żewġ istanzi, ir-rata tal-emissjonijiet ġiet imniżżla minnu bħala 0, meta l-ebda vettura li taħdem b’magna bil-kombustjoni interna ma tista’ tirreġistra *0 emissions.* Ir-rikorrent ġie mgħarraf li dan jammonta għal vjolazzjoni gravi u serja tal-obbligazzjonijiet tiegħu, u kien għalhekk li huwa kien qiegħed jiġi penalizzat.

4. Fir-risposta tagħha għar-rikors tar-rikorrent, l-Awtorità intimata wieġbet li l-ilmenti tar-rikorrent dwar ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu huma mingħajr bażi, u li t-Tribunal mhux il-forum adattat biex jiddeċiedi dwar tali lanjanzi. L-intimata wieġbet li hija għandha l-poteri skont il-liġi li tiddeċiedi dwar nuqqasijiet min-naħa tar-rikorrenti, u għalhekk għandha l-poter li timponi l-penali relattivi, filwaqt li r-rikorrent għandu d-dritt jappella minn din id-deċiżjoni, kif fil-fatt jirriżulta li għamel. L-intimata wieġbet ukoll li mhux minnu li min-naħa tagħha naqset li timmotiva d-deċiżjoni tagħha, u għalhekk l-appell tar-rikorrent huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, stante li hija ħadet deċiżjoni wara li għamlet l-indaġni tagħha u imponiet is-sanzjonijiet previsti fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15.

5. Diversi xhieda taw id-depożizzjoni tagħhom quddiem it-Tribunal, fosthom ċertu **Jesmond Portelli**, li qal li huwa s-sid tal-vettura Peugeot 206 bin-numru ta' reġistrazzjoni GBQ 715, u xehed li huwa kien preżenti waqt li r-rikorrent għamel it-test, imma hu ma reġax intalab jagħmel test ieħor. Iben ir-rikorrent, **Angelo Cardona**, li xehed li jaħdem bħala *assistant tester* ma' missieru, qal li huwa kien preżenti waqt iż-żewġ testijiet li saru, u meta sar l-ewwel test fuq il-vettura Mercedes JAD 513, il-kundizzjoni tagħha kienet tajba ħafna, u l-partijiet tal-vettura li l-Awtorità intimata qalet li kienu difettużi, bħall-*bellows,* l-i*steering rod,* u l-*ball joints,* kienu kollha tajbin meta ttestjahom hu l-ewwel darba. Qal li anki l-bozoz tal-vettura kienu tajbin u t-*tyres* kienu tajbin ukoll. Żied jgħid li meta sar ir-*retest* fuq l-istess vettura wara ġimgħa, hu u missieru r-rikorrent ma setgħux jemmnu li kienu qegħdin jaraw l-istess vettura ta' ġimgħa qabel, u f'dik il-ġimgħa l-vettura kienet inbiegħet lil żagħżugħ li ma ħax ħsiebha u mar isuqha f'għalqa. Dan ix-xhud qal li tant il-vettura ġiet ittrattata ħażin mill-akkwirent il-ġdid tagħha, li anki l-magna tagħha splodiet u meta ġew għat-tieni test, din lanqas setgħet tistartja. L-istess xhud qal li sabiex sar ir-*retest,* din il-vettura kellha tiġi rmunkata, u nstab li kienet mingħajr dawl, ma tixgħelx, u għalhekk kien hemm xi affarijiet li ma setgħux jiġu ċċekkjati, bħall-*alignment* tagħha. Dwar il-vettura Peugeot 206, bin-numru ta' reġistrazzjoni GBQ 715, ix-xhud qal li din kienet f'kundizzjoni tajba u li meta għafsulha l-gass ma ħareġ l-ebda duħħan li jindika li l-livelli tal-emissjonijiet tagħha kienu għoljin. Qal li kien biss fl-aħħar tal-ġurnata tax-xogħol li hu u missieru indunaw li kellhom xi ħsara fl-apparat li jittestja l-

emissjonijiet. F'depożizzjoni li ta f'data oħra, dan ix-xhud spjega li t-test tal-emissjonijiet ivarja skont jekk vettura tkunx taħdem bil-petrol jew bid-*diesel,* u t-test tal-emissjonijiet fir-rigward ta' dawn it-tipi ta' vetturi jsir b'mod differenti. Dan ix-xhud qal li biex vettura bħal dawk inkwistjoni ma tgħaddix mit-test tal-emissjonijiet, normalment ikun hemm daħna meta dawn jiġu startjati.

6. It-Tribunal sema' wkoll ix-xhieda tal-**PS 1141 Noel Tanti**, li qal li waqt li kien qiegħed jagħmel ir-ronda fil-lejl ta' bejn it-22 u t-23 ta' Lulju 2016, huwa kien ra l-vettura Mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni JAD 513 wieqfa fit-triq fil-Marsa, bil-bibien miftuħin u b'landa tal-ilma maġenb il-*bonnet.* Ix-xhud qal li meta spezzjona l-vettura mill-qrib, sab li din kellha s-*seat* ta' wara maqlugħ, il-*bonnet* jinfetaħ bit-*tie clips,* u l-kundizzjoni ġenerali tagħha kienet waħda li ma tistax tinstaq fit-triq. Żied jgħid li meta għamel il-verifiki tiegħu dwar din il-vettura, sab li din suppost kienet qiegħda tinżamm f'garaxx, u kellha l-liċenzja skaduta. Qal li kien dak il-ħin li ġieh suspett li t-test tal-VRT li rriżultalu li kien sar biss ġurnata qabel, ma kienx sar sew, u għalhekk talab lill-uffiċjali tal-Awtorità intimata jissottomettu din il-vettura għal test ieħor.

7. Ix-xhud **Carmelo Borg** ikkonferma li l-vettura Mercedes kienet tiegħu, u hu kien biegħha lil ċertu Tristan Tedesco, u meta biegħlu l-vettura din kienet fi stat "mhux ħażin". Dan ix-xhud qal li meta biegħ il-vettura, min jakkwistaha kellu jdurha u jara x'għandha bżonn. Qal li min-naħa tiegħu huwa dejjem żamm din il-vettura f'garaxx. Ix-xhud **Tristan Tedesco** kkonferma li hu kien

akkwista l-vettura Mercedes mingħand Carmelo Borg, iżda din damet għandu xi jumejn biss. Qal li huwa mar isuq din il-vettura f'għalqa u sab li l-pajp tal-magna spara 'l barra u għalhekk il-vettura ma setgħetx tinstaq. Dan ix-xhud qal li l-vettura inkwistjoni qatt ma daret fuq ismu, u meta ra li l-karozza ma kinitx qiegħda ssuq, reġa' ħadha għand Carmelo Borg. Dan ix-xhud qal li s-*seat* ta' wara kien jinqala' permezz ta' buttuna, u hu min-naħa tiegħu ma kienx mess il-*wipers* tal-vettura.

8. Ir-rikorrent, **Eugene Cardona** spjega li huwa VRT *tester* u sid tal-VRT *station* bl-isem 'Eugene Garage'. Qal li l-ewwel darba li għamel it-test fuq il-vettura Mercedes, ir-riżultat kien tajjeb, iżda t-tieni darba rriżulta li din kellha diversi ħsarat. Qal li l-ewwel darba li ttestja l-brejkijiet ta' din il-vettura sab li dawn kienu qegħdin jaħdmu tajjeb, bħalma kienet tajba l-kundizzjoni tat-*tyres,* u tas-sistema tas-sospensjoni tal-vettura. Kompla jgħid li l-ewwel darba li ttestja l-vettura sab li l-batterija tagħha kienet tajba, iżda meta reġa' għamel it-test madwar ġimgħa wara, sab li ċ-ċavetta ma setgħetx iddur u lanqas id-dawl tal-vettura ma seta' jixgħel, minħabba li ma kienx hemm saħħa fil-batterija. Ix-xhud qal li anki biex il-vettura ddaħħlet fil-garaxx, din kellha tiġi imbuttata, u meta niżel taħt il-vettura, sab li kienet kollha tajn u li kellha wkoll is-*seat* ta' wara maqlugħ. Ir-rikorrent attribwixxa l-fatt li ż-żewġ testijiet irreġistraw *0 emissions* għax l-apparat li kien qiegħed jaħdem bih inzerta kellu l-ħsara dakinhar, u xħin induna li kellu l-ħsara kien ċempel lit-*technician.* Fir-rigward tat-test li sar fuq il-vettura Peugeot 206, ir-rikorrent qal li l-magna tatu FAIL,

iżda huwa xorta waħda bagħat jinforma lill-Awtorità intimata li l-vettura kienet għaddiet mit-test, u għamel hekk għax dak il-ħin "irraġuna s-sitwazzjoni". B'riferiment għall-kundizjoni tal-*wipers,* ir-rikorrent qal li jista' jkun li l-*wipers* kienu ftit mikulin, iżda mhux li ma kinux jaħdmu.

9. L-uffiċjal tal-Awtorità intimata **Joseph Mifsud** qal li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JAD 513 kienet ilha miżmuma f'garaxx mill-31 ta' Diċembru, 2014, u sa dakinhar li sar it-test, din il-vettura qatt ma reġgħet ħarġet fit-triq, tant hu hekk li anki biex sar it-test tal-VRT, kien hemm bżonn il-permess tal-Awtorità intimata. F'seduta oħra, dan ix-xhud qal li fil-25 ta' Lulju, 2016, huwa kien irċieva telefonata mingħand is-Surġent Noel Tanti, li kien infurmah li kien għadu kif irmonka vettura fil-Marsa li kienet f'kundizzjoni ħażina ħafna, minkejja li t-test tal-VRT kien sar ġurnata biss qabel. Ix-xhud qal li huwa mar jara din il-vettura fil-*compound* tal-Pulizija, u mad-daqqa t'għajn seta' jara li din kienet fi stat ħażin ħafna, bit-*tyres* lixxi, bil-*headlamps* imsaddin u ma jurux dawl, bir-*reflectors* spiċċuti, u bil-*wiper blades* imsaddin u s-*seat* ta' wara maqlugħ minn postu. Qal li minkejja li din il-vettura ttieħdet għal *retest,* din lanqas biss setgħet tinstaq għall-VRT test. Żied jgħid li t-test tal-emissjonijiet ma setax isir minħabba li l-vettura ma setgħetx tistartja, u l-magna tagħha kienet sploduta. Ix-xhud qal li l-uffiċjali tal-Awtorità intimata talbu lir-rikorrent juri r-riżultat tat-test tal-emissjonijiet li sar fuq vettura oħra, u dan it-test ukoll irreġistra *0 emissions.* Ix-xhud qal li minkejja li t-test li sar fuq il-vettura Peugeot 206 kien jindika li din kellha *item* minnhom FAIL, iċ-ċertifikat maħruġ

mir-rikorrent kien jindika li din għaddiet mit-test tal-VRT. Dan ix-xhud, waqt id-depożizzjoni tiegħu quddiem it-Tribunal ippreżenta sensiela ta' ritratti sabiex juri din il-vettura f'liema stat kienet meta nqabdet mill-Pulizija. Qal li l-magna tal-Mercedes kienet "maħsula" fiż-żejt, u t-tajn li kien hemm mal-qiegħ tal-vettura kien jidher li kien ilu hemm.

**Is-Sentenza Appellata**

5. Permezz tas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Mejju, 2019, it-Tribunal laqa' parzjalment l-appell tar-rikorrent billi fir-rigward tal-vettura Mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni JAD 513 irrevoka dik il-parti tad-deċiżjoni appellata, fejn imponiet 10 punti ta' penalità fir-rigward tan-nuqqas ta' ttestjar tas-sedili u fejn imponiet 50 punt ta' penalità fir-rigward tad-difett fit-*tyres.* It-Tribunal irrevoka wkoll sebgħin (70) punt ta' penalità fir-rigward tad-difett riskontrat fl-i*steering* u fil-*half shaft bellows,* sabiex b'hekk ir-rikorrent ġie penalizzat darba waħda biss għal kull infrazzjoni, u mhux darba għad-difetti li nstabu fil-parti tal-lemin tal-vettura u darba oħra għad-difetti li nstabu fil-parti tax-xellug, filwaqt li kkonferma l-kumplament tas-sentenza appellata, inkluż is-sospensjoni tal-liċenzja ta' *tester* għal sena, u l-punti ta' penalità u multa imposti fuq ir-rikorrent *qua* operatur, u dan wara li t-Tribunal għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi r-rikorrenti ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorità intimata kontenuta f'ittra datata 18 ta' Ottubru 2016 u li permezz tagħha ġie mgħarraf illi minkejja li bħala*

*operatur u* tester *kien ħareġ riżultat ta'* pass *lill-vetturi bin-numri ta' reġistrazzjoni JAD 513 u GBQ 715 dan fil-fatt irriżulta li kellhom diversi nuqqasijiet u għalhekk ma messhom qatt għaddew mit-test tal-VRT. Għal dawn in-nuqqasijiet ġew imposti 615 punti ta' penalità bħala* tester *u ġiet ukoll imposta fuqu multa ta' ħdax-il elf euro (€11,000) bħala operatur. In oltre l-Awtorità intimata infurmat lir-rikorrent li kienet qiegħda tissospendilu l-liċenzja ta'* tester *għal żmien sena.*

***Eugene Cardona** spjega illi fir-rigward tal-vettura Mercedes JAD 513 din kollox kellha tajjeb meta ttieħdet għat-test minn żagħżugħ. Jgħid li meta sar ir-*retest *skopra li kellha taħt kollu tajn. Jispjega li lid-*dealer, *u sid ta' din il-vettura, huma ma jafuhx u qatt ma mar għandhom. Fir-rigward tal-vettura GBQ 715 ir-rikorrent ammetta li kienet ġratilhom il-ħsara fil-magna tal-VRT fejn jidħlu* emissions *però ma ndunawx mill-ewwel u dan għaliex l-istess magna ma tellgħet l-ebda sinjal bħal ma jiġri s-soltu meta jkun hemm xi difett fiha. Jispjega li meta ġieli jaraw vettura ddaħħan ħafna iwaqqfuha mingħajr ma jagħmlulha t-test u jgħidu lil dak li jkun biex imur jirranġaha.*

*Mistoqsi in kontro-eżami kif għadda l-vettura Peugeot mit-test meta t-test immarka FAIL għal dak li jirrigwarda* front axle, *ix-xhud spjega illi dak it-test kienu reġgħu għamluh u ġie PASS u dan peress li l-vettura fl-ewwel test kellha t-*tyres *baxxi.*

*Mistoqsi dwar il-fatt li l-*brake efficiency *tal-vettura Mercedes ġie FAIL jgħid li dan hu dovut għax il-vettura kienet ilha wieqfa. Mistoqsi kif allura lil Transport Malta bagħtilhom riżultat ta' PASS ix-xhud wieġeb li din trid tirraġunaha u tara x'inhi l-vettura.*

*Fir-rigward tal-*wipers *tal-Mercedes ix-xhud qal li dawn ma kinux imqattgħin però kienu forsi ftit mikulin.*

***Angelo Cardona**, assistent fil-garaxx tal-VRT in kwistjoni u iben ir-rikorrenti, spjega illi huwa kien preżenti għat-test taż-żewġ vetturi in kwistjoni. Fir-rigward tal-vettura JAD 513 tal-għamla Mercedes jispjega li din kienet f'kundizzjoni tajba ħafna u bħala prova ta' dan esebixxa ritratt tal-istess vettura (a fol. 58). Jispjega li mill-informazzjoni li kellu din il-vettura inbiegħet lil xi żagħżugħ li kien imur biha ġewwa xi għalqa u kissirha. Jispjega li meta l-vettura reġgħet marret għandhom wara li sabuha l-Pulizija fit-triq, kien hemm magħhom sidha li kien qallu li kien kissrilha l-magna u telaqha barra t-triq għand il-mekkanik. Però jgħid li meta sarilha l-VRT test l-ewwel darba kienet sew għax ta' min kienet kien jibża' għaliha.*

*Fir-rigward tal-vettura bin-numru GBQ 715 ix-xhud spjega li din ukoll kienet f'kundizzjoni tajba però peress li rriżultat ħsara fl-apparat tal-*emissions *u ma kinux indunaw bih, ir-*readings *ma bdewx jimmarkaw sew. Jgħid li però anke jekk il-magna kienet bil-ħsara, xorta din il-vettura kienet tgħaddi għaliex kieku tara daħna fil-garaxx u tinduna li mhux se tgħaddi.*

*Jispjega li wara li ndunaw bil-ħsara huma ġabu lit-tekniku David Gatt u rranġahielhom. Dan ġie kkonfermat ukoll mill-istess David Gatt li spjega li qabel ma rranġa l-apparat il-*flow *tal-arja kienet ristretta ħafna u għalhekk ma bediex jidħol* exhaust *fl-apparat u għalhekk kien qed jagħti riżultat ta'* pass.

*Angelo Cardona spjega wkoll illi l-magna tal-VRT taqra l-*emissions *waħedha u ma jkun hemm l-ebda intervent uman.*

***David Gatt**, tekniku fuq il-magni tal-VRT installati ġewwa l-garaxx tar-rikorrent, spjega illi fejn jidħol* brake efficiency *ir-riżultat jista' jvarja jekk it-*tester *ma jikkonduċix it-test b'mod preċiż, iktar u iktar f'vettura bħall-Mercedes in eżami li kellha mekkaniżmu partikolari. Jispjega li hu possibbli li fl-ewwel test il-*brake efficiency *jiġi* failed *peress li ma tkunx intużat forza biżżejjed. Jispjega li dan hu dak li ġara fil-każ in eżami kif jirriżulta mill-forza użata u murija fuq id-dokumenti taż-żewġ testijiet li saru.*

***Jesmond Portelli**, sid il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GBQ 715, xehed illi fil-21 ta' Lulju 2016 huwa ħa l-vettura tiegħu tat-tip Peugeot 206 fil-garaxx tar-rikorrent u għamel it-test tal-VRT. Jispjega li wara li sar it-test huwa ġie mogħti riċevuta u ċertifikat tat-test li kopja tagħhom ġew esebiti bħala JP1 u JP2.*

***PS 1411 Noel Tanti** xehed illi bejn it-22 u t-23 ta' Lulju 2016 kien qiegħed jagħmel ronda meta ra Mercedes ta' kulur abjad bil-bibien miftuħin, b'landa tal-ilma fejn il-*bonnet *u mingħajr* seats. *Meta għamel il-verifiki tiegħu sab li din il-vettura suppost kienet iggaraxxjata. Wara skopra wkoll illi fl-istess vettura kien hemm kopja ta' test tal-VRT li kien juri li l-vettura għaddiet mill-istess test. Għalhekk eventwalment huwa għamel rapport ma' Transport Malta u l-uffiċjali tal-imsemmija Awtorità marru jispezzjonawha. Jispjega li huwa kkuntattja lis-sid, ċertu Borg u dan qallu li kien biegħha lil Tristan Tedesco. Spjega li meta huwa ra l-vettura l-ewwel darba din kellha l-*bonnet *jingħalaq* b'tie clip *u kollha daqqiet antiki u sadid. Jispjega wkoll li eventwalment il-vettura ttieħdet fil-garaxx fejn kien sarilha l-VRT fil-preżenza tiegħu.*

***Charles Borg** spjega li l-vettura Mercedes JAD 513 kienet proprjetà tiegħu però kien biegħha lil wieħed żagħżugħ li ismu ma kienx jafu però jista' jkun li jismu Christian għall-prezz ta' seba' mitt euro (€700). Jispjega li kien ħadielu ġo garaxx biex idurha però jgħid li ma kinitx fi stat ħażin imma kien jonqosha xi affarijiet għaliex kellha xi ftit sadid. Jispjega li l-vettura kienet timxi u li l-magna kienet tajba. Jispjega li din il-vettura huwa xtraha bħala vettura ggaraxxjata u baqgħet għandu snin iggaraxxjata.*

***Tristan Tedesco** spjega li huwa kien xtara Mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni JAD 513 mingħand Carmelo Borg però qatt ma daret fuq ismu għax is-sid ma kienx tah il-*log book. *Jgħid li l-kundizzjoni tagħha ma kinitx ħażina u meta xtraha kien qiegħed jippruvaha u spara pajp tal-magna għax kienet saħnet. Ix-xhud spjega li però l-*body *ma kellux sadid u li ma jiftakarx jekk tellagħhiex għall-VRT. Fuq suġġeriment tad-difensur tar-rikorrent jekk kienx qiegħed isuqha f'għalqa x-xhud wieġeb li iva u li abbandunaha fl-istess għalqa. Jgħid li wara li rriżultat il-ħsara fil-vettura huwa reġa' ħadha fl-għalqa għand sidha peress li dan kellu għalqa mimlija Mercedes żarmati. Jispjega li huwa ppruvaha ftit fl-għalqa però ma telaqx biha għax kien qiegħed b'vettura oħra però wara li ħareġ darba biha fejn mar il-Marsa u x'ħin tar il-pajp ħalliha quddiem għalqa. Fir-rigward tas-*seat *ta' wara x-xhud qal li dan kien jinqala' permezz ta' buttuna u li hu kien qalgħu. Fir-rigward tat-*tyres *ix-xhud wieġeb li dawn kienu ġew mibdula minn Charlie ma' ta' xi karozzi oħrajn li kellu.*

***Joseph Mifsud**, uffiċjal tal-Awtorità intimata, spjega illi fil-25 ta' Lulju 2016 kellhom rapport mingħand is-Surġent Noel Tanti illi fit-22 ta' Lulju 2016 kienu ttowjaw vettura li kienet fi stat ħażin u li kienet għaddiet mill-VRT ġurnata qabel. Jispjega li meta hu u l-manager Lino Abela marru jaraw din il-vettura din kellha t-*tyres *lixxi, il-*headlamps *kienu msaddin, ir-*reflectors *kienu spiċċuti, il-*wiper blades *kienu mqattgħin, is-*seat *ta' wara maqlugħ minn postu u affarijiet oħra li riedu jiġu ċċekkjati f'garaxx tal-VRT. Għalhekk ħaduha fil-garaxx tar-rikorrent fejn meta reġa' sarilha t-test m'għaddietx mill-*parking brake test. *Jgħid però li meta sarilha t-test oriġinali l-*parking brake efficiency *kien 3 mentri l-minimu huwa 16 u li minkejja dan il-vettura xorta għaddiet mit-test. Jispjega wkoll li l-*emissions *ta' din il-Mercedes kienu ġew 0, ħaġa li fl-opinjoni tax-xhud kienet impossibbli. Għalhekk meta raw dawn l-affarijiet, huma talbu lir-rikorrent jagħtihom riżultat ta' vettura oħra diesel u tahom tal-vettura Peugeot GBQ 715 li wkoll kellha* emissions 0. *Apparti minn hekk, din il-Peugeot kellha riżultat ta' PASS meta l-*front axle brake *kien juri FAIL. Ix-xhud*

*esebixxa wkoll dokument b'żewġ riżultati li bagħat ir-rikorrent lill-Awtorità intimata li juru li l-istess vetturi għaddew mill-VRT (Dokument JM5 a fol. 238).*

***Ikkunsidra:***

*Illi t-Tribunal se jindirizza l-ewwel u qabel kollox il-kwistjoni mqajma fl-ewwel paragrafu tal-eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata dwar l-isem proprju tal-Awtorità intimata. Ai termini tal-Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta isem l-Awtorità intimata huwa "Awtorità għat-Trasport f'Malta". Konsegwentement it-Tribunal qiegħed jordna korrezzjoni fl-okkju.*

*Illi l-ewwel aggravju tar-rikorrent huwa ta' indoli kostituzzjonali u għaldaqstant it-Tribunal mhux se jieħu konjizzjoni tiegħu għaliex m'għandu l-ebda kompetenza jagħmel dan.*

*It-tieni aggravju tar-rikorrent huwa fis-sens li d-deċiżjoni appellata hija nieqsa mill-grad ta' motivazzjoni u li r-raġunijiet li fuqhom hi bbażata l-istess deċiżjoni mhumiex riflessi fid-deċiżjoni. Di più, ir-rikorrent jissottometti illi d-deċiżjoni appellata ma tinkludix kemm ġie penalizzat għal kull allegata infrazzjoni. Illi t-Tribunal josserva illi d-deċiżjoni appellata hija pjuttost dettaljata u għall-kuntrarju ta' dak sottomess mir-rikorrent, kull infrazzjoni għandha abbinat magħha l-punti ta' penalità. Kwindi dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.*

*Illi permezz tat-tielet aggravju r-rikorrent jisħaq illi huwa kellu jingħata smigħ xieraq qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni fil-konfront tiegħu. Illi t-Tribunal josserva illi l-Awtorità intimata mxiet proċeduralment b'mod korrett. Josserva wkoll illi l-leġislatur ipprovda għal rimedju ta' appell quddiem dan it-Tribunal mid-deċiżjonijiet tal-Awtorità intimata fejn kull appellant jingħata smigħ xieraq. Illi għalkemm dan it-Tribunal għalhekk ma jaqbilx illi l-Awtorità intimata kellha obbligu li tagħti xi smigħ lir-rikorrent, ikun għaqli kieku, bħal f'każijiet oħra, min ikun se jiġi affettwat avversament minn xi deċiżjoni tal-Awtorità intimata jingħata pre-avviż fejn ikun jista' jissottometti xi osservazzjonijiet għad-difiża tiegħu qabel ma l-Awtorità intimata tieħu d-deċiżjoni finali.*
*Illi l-aggravji rimanenti jikkonċernaw il-mertu veru u proprju.*

*Illi t-Tribunal se jibda biex jindirizza l-allegati infrazzjonijiet fuq il-vettura tat-tip* ***Mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni JAD 513.*** *Illi ġie stabbilit illi din il-vettura kienet tgħajjat lil ċertu Charles Borg li jagħmilha ta'* dealer *u li skont is-Surġent Noel Tanti ma kellux liċenzja biex jagħmel tali kummerċ. Jirriżulta wkoll illi dan Borg kien*

*biegħ din il-vettura lil ċertu Tristan Tedesco però qatt ma nqalbet fuqu. Jirriżulta wkoll illi dan Tedesco kull m'għamel idur b'din il-vettura kien ċirka ġurnata jew tnejn peress li żviluppat ħsara u abbandunaha fil-Marsa.*

*Jirriżulta wkoll li filwaqt li Tedesco jgħid li hu ma ħa l-ebda vettura għall-VRT, ir-rikorrent jgħid li kien proprju Tedesco, u mhux Borg, li ħadha għall-VRT. Prova ta' dan bħal pereżempju r-riċevuta tal-VRT ma ġietx esebita biex jiġi stabbilit fuq min ħarġet l-istess irċevuta.*

*Però apparti minn dan kollu, jirriżulta ċar illi meta nstabet din il-vettura fit-triq kienet fi stat ħażin b'magna sploduta tant li lanqas setgħet tinstaq u li għalhekk kellha tiġi ttowjata. It-Tribunal huwa tal-fehma illi f'ġurnata jew tnejn din il-vettura ma setax saritilha din il-ħsara kollha. L-unika żewġ affarijiet li forsi setgħu saru minn min kien qiegħed isuqha, jew inkella mid-*dealer *innifsu, huma l-fatt li nqala' s-*seat *ta' wara u wkoll il-bdil tat-*tyres *għaliex dawn faċilment setgħu nbidlu wara li l-vettura ttellgħet għall-VRT, tenut kont ukoll illi d-*dealer *kellu għadd ta' vetturi simili fil-pussess tiegħu. Għall-bqija tal-ħsarat dan it-Tribunal ma jqisx illi x-xhieda tar-rikorrent għandha mis-sewwa. Filwaqt li jista' jkun minnu, u x'aktarx hekk hu, li l-magna tal-VRT fejn jidħlu* emissions *żviluppat ħsara u bdiet tagħti riżultati ta'* 0 emissions, *it-Tribunal josserva illi fejn ried ir-rikorrent ta każ ir-riżultat li ħareġ mill-magna tal-VRT u reġa' għamel it-test. Għalhekk jew ir-rikorrent ma eżerċitax dik id-diliġenza neċessarja biex ma ndunax li l-*emissions *kienu qed jaqraw 0 jew inkella għażel li jinjora tali difett biex ikompli jaħdem mingħajr tfixkil. Kien x'kien il-każ huwa naqas mill-obbligi tiegħu ta'* tester *u ta' operatur li jara u jiżgura li t-testijiet tal-VRT kienu qegħdin isiru kif suppost. Għaldaqstant fir-rigward tal-vettura Mercedes JAD 513 it-Tribunal se jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata ad eċċezzjoni tal-infrazzjoni indikata fid-deċiżjoni appellata bħala* overlooking a fault in seat structure *u wkoll dik indikata bħala* a fault in tyres. *Il-bqija tad-difetti l-oħra, u ċioe, li r-rikorrent injora s-segwenti:*

***a fault in driving lights,***
***a fault steering other than torn bellows (right and left hand side),***
***a fault in suspension,***
***a fault in wipers,***
***a half shaft torn bellows (right and left hand side)***

*dawn jirriżultaw u fil-fehma umli ta' dan it-Tribunal ir-rikorrent ma ta ebda spjegazzjoni plawsibbli għala dan id-difetti ħarġu f'jumejn minn meta sar il-VRT. Dawn in-nuqqasijiet ovvjament iwasslu għall-impożizzjoni ta' punti penali ulterjuri għan-nuqqas tar-rikorrent milli jesegwixxi korrettement il-proċedura tat-test kif stipulat fil-manwal tal-VRT u l-emendi li jkunu saru għalih u li nstab ħati ta' reat gravi*[1] *li mhux bilfors hu marbut mal-ittestjar mandatorju ta' vettura iżda li jista' jaffettwa t-twettiq xieraq ta' test tal-VRT. Madanakollu t-Tribunal jirrileva ili fir-rigward tal-infrazzjoni tan-nuqqas fir-rigward tad-difett fl-i*steering *ir-rikorrent kellu jiġi punit darba u mhux darbtejn, għalkemm il-ħsara kienet kemm fuq il-lemin u x-xellug. Dan qiegħed jingħad għaliex* ai termini *ta' Partita 19 tat-Tnax-il Skeda ta' Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15 l-infrazzjoni hija waħda u ċioe, "Tinjora difett jew tonqos milli tittestja l-isteering li ma tkunx ħsara fil-bellows." L-istess ħaġa jista' jingħad għall-infrazzjoni* ai termini *ta' Partita 29 fir-rigward li wieħed jinjora ħsara fil-*half shaft bellows. *Kwindi t-Tribunal se jirrevoka tali punti ta' penalità fir-rigward ta' Partita 19 u Partita 29 u jqishom bħala infrazzjoni waħda rispettivament. It-Tribunal se jirrevoka wkoll il-punti ta' penalità ai termini ta' Partita 34 fir-rigward tan-nuqqas ta' ittestjar tal-istruttura tas-sedili u wkoll* ai termini *ta' Partita 20 fir-rigward tad-difett fit-*tyres.

*It-Tribunal sejjer issa jgħaddi biex jeżamina d-deċiżjoni appellata fir-rigward tal-vettura tat-tip* ***Peugeot bin-numru ta' reġistrazzjoni GBQ 715.*** *L-infrazzjonijiet riskontrati fit-test ta' din il-vettura ġew a konoxxenza tal-uffiċjali tal-Awtorità intimata wara li talbu lir-rikorrent jagħtihom test ieħor li sar fl-istess ġurnata fuq vettura oħra li taħdem bid-diesel. Ir-rikorrent ippreżentalhom it-test tal-vettura in kwistjoni minn fejn innutaw li għal darb'oħra l-valur tal-*emissions *kien 0 filwaqt li l-iżbilanċ fuq il-*front axle *kien iktar mil-limitu (ir-riżultat kien 44 meta l-limitu kien 30) u għalhekk ir-riżultat kien FAIL. Però jirriżulta illi dan it-test kien reġa' sar dak il-ħin stess u l-valur tal-iżbilanċ ġie 22 u kwindi* entro *l-limitu. Skont ma xehed David Gatt, din id-diskrepanza setgħet kienet dovuta għaliex ma ntużatx forza biżżejjed fuq il-pedala. Fil-fatt minn Dok. EC1 ħdejn l-item "*front axle" *jidhru żewġ valuri, u ċioe dik tax-xellug 426 Kgf u dik tal-lemin 470 Kgf. Mentri imbagħad fuq Dok. EC2 jidhru l-valuri ta' 939 Kgf u 744 Kgf. Dokument EC1 juri riżultat ta' FAIL għal dak li jirrigwarda l-*front axle. *Dan it-test sar fil-21 ta' Lulju 2017. Dokument EC2 juri*

[1] *Ai termini* tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15 (Regolamenti dwar Testijiet Biex Jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur Huma Tajbin għat-Triq) reat huwa infrazzjoni tal-obbligi ta' tester jew operatur ai termini tat-Tnax-il Skeda tal-istess Regolamenti.

*riżultat ta' PASS fir-rigward tal-istess* front axle. *Dan it-test sar fil-21 ta' Lulju 2017 ftit wara l-ewwel wieħed. Stante li l-iżbilanċ jinħadem abbażi ta' dawn il-valuri, allura bilfors li se joħroġ riżultat differenti. Illi r-rikorrent jagħti wkoll din l-ispjegazzjoni għala l-valuri varjaw, prinċipalment peress li t-*tyres *kienu baxxi. F'dan ir-rigward it-Tribunal huwa lest li jagħti l-benefiċċju tad-dubju lir-rikorrenti. Però t-Tribunal ma jistax ma jirrilevax illi ladarba l-uffiċjali tal-Awtorità intimata rriskontraw tali diskrepanza kien messhom għajtu lil sid l-istess vettura sabiex jerġa' jtellagħha għall-VRT sabiex jivverifikaw jekk fil-fatt il-valuri mniżżla fuq it-test aħħari kinux dawk reali. Madankollu, xorta tibqa' l-infrazzjoni tat-test tal-*emissions *li fir-rigward it-Tribunal m'għandux aktar x'iżid ma' dak li diġà ntqal hawn fuq. Kwindi, għalkemm it-Tribunal qed jagħti l-benefiċċju tad-dubju lir-rikorrent rigward infrazzjoni waħda, dan xorta mhux se jkollu piż fuq il-punti ta' penalità inflitti stante li l-Awtorità intimata ma infliġġietx punti ta' penalità għall-infrazzjonijiet individwali però applikat il-punti ta' infrazzjoni* ai termini *tal-Partita 7*[2] *u 12.*[3] ***Kwindi fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GBQ 715 mhux se jkun hemm varjazzjoni fil-punti ta' penalità.***

*Fl-aħħarnett it-Tribunal josserva illi r-rikorrent ġie wkoll sospiż milli jopera bħala* tester *in vista li akkumula aktar minn 150 punt ta' penalità. Illi t-Tribunal m'għandu xejn x'jiċċensura minn din id-deċiżjoni stante li l-Awtorità intimata imxiet mad-dettami tal-liġi, senjatament Regolament 24(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15.*

*It-Tribunal josserva wkoll illi l-Awtorità intimata imponiet ukoll fuq ir-rikorrent qua operatur elf (1000) punt ta' penalità li jattiraw magħhom multa ta' ħdax-il elf euro (€11,000) in vista li abbażi tal-infrazzjonijiet imsemmija huwa kien kiser Regolament 10 (1) (j) u (r) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15. Regolament 10(1) (j) jgħid is-segwenti,*
*"operatur għandu josserva f'kull ħin ir-regolamenti u standards dwar it-testijiet tal-vetturi biex jiżguraw li dawn huma tajba għat-triq skont dawn ir-regolamenti, u approvati mill-Awtorità."*

*Regolament 10(1) (r) jgħid is-segwenti, "operatur m'għandu, taħt l-ebda ċirkustanza, joħroġ riżultat pożittiv ta' test sakemm ma jkunx sar test komplet u l-*

---

[2] "Instabt ħati ta' reat gravi li mhux bilfors hu marbut mal-ittestjar mandatorju ta' vettura iżda li jista' jaffettwa t-twettiq xieraq ta' test tal-VRT."

[3] "Tonqos milli tesegwixxi korrettement il-proċedura tat-test kif stipulat fil-manwal tal-VRT u l-emendi li jkunu saru għalih jew li tirreġistra data korretta tal-vettura kif stipulat fil-manwal tal-VRT qabel ma tagħmel test uffiċjali fuq dik il-vettura partikolari."

*oġġetti kollha li kellhom jiġu ttestjati jkunu konformi mal-kundizzjonijiet u* standards *meħtieġa taħt dawn ir-regolamenti, jew ta' test magħmul mill-ġdid sakemm dak it-test ma jkunx komplet u l-persuna li tagħmel it-testijiet fuq il-vetturi ma tikkonfermax li t-tiswijiet meħtieġa jkunu saru."*

*Illi minn dak ikkonstatat aktar 'il fuq huwa ċar illi r-rikorrenti,* qua *operatur, kiser il-kundizzjonijiet imsemmija, liema ksur jattira miegħu l-penali u l-multa imposti.*

***Decide***

*Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, qiegħed limitatament jilqa' l-appell tar-rikorrenti in kwantu fir-rigward tal-vettura* **Mercedes bin-numru** ***ta' reġistrazzjoni JAD 513*** *qiegħed* ***jirrevoka*** *d-deċiżjoni appellata in kwantu imponiet* ***10 punti ta' penalità fir-rigward tan-nuqqas ta' ttestjar tas-sedili u in kwantu imponiet 50 punt ta' penalità fir-rigward tad-difett fit-*****tyres.** ***Jirrevoka*** *wkoll* ***sebgħin (70) punt ta' penalità fir-rigward tad-difett riskontrat fl-isteering u fil-*****half shaft bellows** *biex ir-rikorrent jiġi penalizzat darba biss għal kull infrazzjoni u mhux kif imniżżel għall-parti tal-lemin u għall-parti tax-xellug, però jikkonferma l-bqija tad-deċiżjoni appellata, inkluż is-sospensjoni tal-liċenzja għal sena lir-rikorrent* qua tester *u wkoll il-punti ta' penalità u multa imposta* qua *operatur.*

*Bl-ispejjeż in kwantu żewġ terzi għar-rikorrent u terz għall-Awtorità intimata."*

## <u>L-Appell</u>

6. Ir-rikorrent ippreżenta l-appell tiegħu fid-19 ta' Ġunju, 2019, fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

*"... tħassar, tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni tat-Tribunal tat-30 ta' Mejju 2019 u d-deċiżjoni tat-18 ta' Ottubru 2016 (Dokument "A" anness mar-rikors promutur) fil-kawża fl-ismijiet premessi u minflok tipprovdi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kollha hekk kif kontenuti fir-rikors promutur tiegħu tat-8 ta' Novembru 2016 u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata fl-interità tagħhom.*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati."*

7. L-appellant jgħid li huwa jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal, u fir-rikors tal-appell tiegħu elenka s-sitt aggravji li qiegħed iressaq għall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti. Fl-ewwel aggravju tal-appellant jingħad li fid-deċiżjoni appellata t-Tribunal qal li l-ewwel lanjanza mressqa mill-appellant fl-appell quddiem it-Tribunal hija ta' indoli kostituzzjonali, u għalhekk it-Tribunal iddeċieda li m'għandux jieħu konjizzjoni tagħha għax huwa m'għandu l-ebda kompetenza jagħmel dan. L-appellant sostna li skont l-artikolu 7(1) tal-Kap. 490, it-Tribunal għandu kompetenza jirrevedi l-atti amministrattivi kollha li jsiru mill-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' fatt u fuq punti ta' liġi. L-appellant qal li ladarba l-jeddijiet fundamentali tiegħu sfaw miksura, din il-lanjanza tiegħu kellha tiġi indirizzata mit-Tribunal, peress li dan ukoll jammonta għal ksur tal-liġi. L-appellant żied jgħid li skont l-artikolu 469A tal-Kap. 12, huwa ċar li għemil amministrattiv jista' jiġi ddikjarat null, invalidu jew mingħajr effett, meta dan jinstab li jikser il-Kostituzzjoni, kif ukoll meta dan l-għemil jitwettaq minn xi awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata twettqu, jew li tonqos milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew il-ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq ta' dan l-għemil amministrattiv, jew meta dan l-għemil amministrattiv isir bi ksur tal-liġi. L-appellant saħaq li għalhekk l-allegazzjoni tiegħu li ġew miksura l-jeddijiet tiegħu kif protetti bil-Kostituzzjoni ta' Malta, kellha tiġi mistħarrġa mit-Tribunal li jirrevedi atti amministrattivi, minħabba li fil-konfront tiegħu hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq minn qorti jew tribunal indipendenti qabel ittieħdet id-deċiżjoni aħħarija fil-konfront

tiegħu, u li dan sar bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali. Qal li għal dawn ir-raġunijiet, kemm id-deċiżjoni tat-Tribunal tat-30 ta' Mejju, 2019 kif ukoll id-deċiżjoni tal-Awtorità intimata tat-18 ta' Ottubru 2016, għandhom jiġu annullati u kull penali inflitta fuqu għandha tiġi revokata.

8. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu l-appellant jgħid li d-deċiżjoni appellata hija żbaljata sa fejn ġie deċiż li l-Awtorità appellata mxiet b'mod korrett fid-deċiżjoni tagħha tat-18 ta' Ottubru 2016 fil-konfront tal-appellant, meta ma tatux smigħ xieraq qabel ma ħadet l-imsemmija deċiżjoni. L-appellant għamel riferiment għal dak li jipprovdi l-Artikolu 41(2) taċ-*Charter of Fundamental Rights* tal-Unjoni Ewropea, li jitkellem dwar id-dritt ta' kull individwu għal trattament imparzjali u ġust fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni Ewropea, u dwar id-dritt ta' kull persuna li tinstema' qabel tittieħed kull miżura li tista' taffettwaha negattivament, id-dritt ta' kull persuna li jkollha aċċess għal *files* u dokumenti oħra li jikkonċernawha, kif ukoll l-obbligu tal-amministrazzjoni li tagħti raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha. L-appellant saħaq li sa fejn id-deċiżjoni tal-Awtorità appellata tat-18 ta' Ottubru, 2016 ittieħdet qabel ma huwa ngħata l-opportunità jagħti l-verżjoni tiegħu tal-fatti kif ġraw, din id-deċiżjoni ma tistax titqies li hija ekwa u ġusta jew li tikkonforma mal-prinċipji tal-ġustizzja naturali. In sostenn ta' dan l-aggravju tiegħu, l-appellant iċċita parti mid-deċiżjoni tat-Tribunal li tgħid li minkejja li t-Tribunal ma jaqbilx li l-Awtorità appellata kellha xi obbligu tagħti smigħ lir-rikorrent, ikun għaqli li kieku persuni li jkunu ser jiġu milquta negattivament minn deċiżjoni ta'

awtorità pubblika, jingħataw preavviż u opportunità li jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom qabel tittieħed deċiżjoni finali mill-awtorità li tkun qiegħda tiddeċiedi.

9. Permezz tat-tielet aggravju tiegħu l-appellant jgħid li l-appellant għamel apprezzament żbaljat tal-fatti meta ddeċieda li l-ħsara kollha li nstabet fuq il-vettura tat-tip Mercedes, ma setgħetx seħħet f'ġurnata jew tnejn. L-appellant jgħid li t-Tribunal ma kellu l-ebda prova quddiemu li dakinhar li sar l-ewwel test tal-VRT din il-vettura diġà kellha l-ħsarat kollha msemmija mill-Awtorità appellata. B'riferiment għall-osservazzjoni tat-Tribunal li l-appellant ma ta l-ebda spjegazzjoni plawsibbli rigward id-difetti li ħarġu fi żmien jumejn minn meta sar l-ewwel test tal-VRT, l-appellant qal li ma kienx kompitu tiegħu li joqgħod għassa ma' kull persuna li għamlet it-test tal-VRT fil-garaxx tiegħu sabiex jassigura li f'każ li tinħareġ akkuża kontrih mill-Awtorità appellata, huwa jkun jista' jagħti d-debita spjegazzjoni. L-appellant sostna li huwa dover tal-Awtorità li tipprova l-allegazzjonijiet li qed isiru fil-konfront tiegħu, b'applikazzjoni tal-prinċipju li kull individwu għandu jingħata smigħ xieraq, u li min jallega jrid jipprova, u għalhekk kien dover tal-appellata li tipprova li d-difetti riskontrati fil-vettura Mercedes kienu hemm fil-ħin li sar it-test tal-VRT l-ewwel darba.

10. Fir-raba' aggravju tiegħu l-appellant jgħid li minkejja li ma ġiex ippruvat li huwa kien ħati ta' *"a serious offence not necessarily connected with vehicle mandatory testing but could affect the proper performance of testing",* it-

Tribunal ma rrevokax il-150 punt imposti fuqu taħt il-Partita 7, u dan fir-rigward tal-ittestjar li sar fuq il-vettura Mercedes. L-appellant kompla jgħid li kien dover tal-Awtorità appellata li tipprova l-allegazzjonijiet li qiegħda tagħmel fil-konfront tiegħu, b'konformità mad-dritt għal smigħ xieraq u tar-regola proċedurali li min jallega jrid jipprova. L-appellant qal li huwa baqa' ma ngħata l-ebda spjegazzjoni jew motivazzjoni dwar dawn il-punti penali li weħel.

11. Il-ħames aggravju tal-appellant huwa fir-rigward tal-vettura tat-tip Peugeot 206 bin-numru ta' reġistrazzjoni GBQ 715. L-appellant qal li huwa ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal għaliex minkejja li ġew imposti fuqu punti ta' penali, id-deċiżjoni appellata hija nieqsa mill-grad ta' motivazzjoni u mir-raġunijiet li fuqhom hija bbażata din id-deċiżjoni, u anki fil-konklużjonijiet tal-Awtorità appellata dwar din il-vettura, huwa ma ngħatax l-opportunità li jagħti l-verżjoni tiegħu tal-fatti kif ġraw. L-appellant qal li d-deċiżjoni tat-Tribunal ma tinkludix elenku ċar tal-allegati infrazzjonijiet u ta' kemm huwa ġie penalizzat għal kull allegata infrazzjoni, kif jirrikjedi l-artikolu 21 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15. L-appellant qal li l-allegazzjonijiet fil-konfront tiegħu kienu tnejn, waħda fir-rigward tal-*emissions test,* u l-oħra fir-rigward tal-allegat żbilanċ fuq il-*front axle.* L-appellant żied jgħid li minkejja li ma ġiex ippruvat li huwa kien ħati ta' *"a serious offence not necessarily connected with vehicle mandatory testing but could affect the proper performance of testing",* it-Tribunal ma rrevokax il-150 punt penali imposti fuqu taħt il-Partita 7 u l-Partita 12 rigward il-vettura Peugeot. L-appellant qal li mid-deċiżjoni tat-18 ta' Ottubru, 2016 ma jirriżultax li l-akkużi dedotti fil-

konfront tiegħu kienu relatati mal-iżbilanċ fuq il-*front axle* u mal-*emissions test.* Qal li sabiex jingħata smigħ xieraq, dawn l-allegati nuqqasijiet kellhom jinġiebu a konjizzjoni tiegħu qabel ingħatat id-deċiżjoni tat-18 ta' Ottubru, 2016, u sabiex huwa jinstab ħati taħt il-Partiti 7 u 12 fir-rigward tal-vettura Peugeot, kien id-dover tal-Awtorità appellata li tipprova l-allegazzjonijiet b'mod ċar u inekwivoku fil-konfront tiegħu sabiex tipprova fuq liema bażi kienet qiegħda timponi l-150 punt penali fil-konfront tiegħu. In vista ta' dan kollu premess, l-appellant qal li d-deċiżjoni tat-Tribunal tat-30 ta' Mejju, 2019 u d-deċiżjoni tal-Awtorità appellata tat-18 ta' Ottubru, 2016, għandhom jiġu annullati u ddikjarati mingħajr effett fil-liġi inkwantu dawn jimponu 150 punt penali fuqu taħt il-Partita 7 u l-Partita 12 rigward il-vettura Peugeot.

12. Fis-sitt aggravju tiegħu l-appellant jgħid li l-elf punt penali imposti fuqu bħala operatur, li attiraw multa amministrattiva ta' ħdax-il elf Euro (€11,000), għax instab ħati li kiser ir-Regolament 10 (1) (j) u (r) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15, ġew imposti fuqu biss għaliex kien hemm nuqqas ta' ħarsien tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali u għax huwa ma ngħatax smigħ xieraq mill-Awtorità appellata.

**<u>Ir-risposta tal-appell</u>**

13. Fir-risposta tal-appell tagħha, l-Awtorità appellata eċċepiet in-nullità tar-rikors tal-appell stante li dan ġie ppreżentat quddiem qorti li ma teżistix, jiġifieri 'Fil-Qorti tal-Appell (Sede Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva)'. L-

Awtorità appellata eċċepiet ukoll in-nullità ta' dan l-istess rikors peress li l-appellant mhux qiegħed jitlob biss li l-Qorti tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tat-30 ta' Mejju, 2019, iżda wkoll kumulattivament qiegħed jitlob it-tħassir u r-revoka tad-deċiżjoni tal-Awtorità appellata tat-18 ta' Ottubru, 2016, xi ħaġa li ma taqax fil-mansjonijiet ta' din il-Qorti. L-Awtorità appellata ssenjalat li hemm żball ukoll fil-parti tat-talbiet tar-rikors tal-appell, fejn l-appellant jitlob lil din il-Qorti tikkundanna lill-"atturi appellati" għall-ħlas tal-ispejjeż taż-żewġ istanzi. Mingħajr preġudizzju għal dan, l-Awtorità appellata qalet li d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal fit-30 ta' Mejju, 2019 hija ġusta u timmerita konferma, filwaqt li din il-Qorti għandha tiddikjara li l-appell interpost mill-appellant huwa frivolu u vessatorju. L-appellata qalet li dan huwa biss każ wieħed minn sensiela ta' każijiet li kollha jinvolvu lill-appellant, fejn vetturi appartenenti lil *second hand car dealers* ittieħdu għand l-appellant sabiex isirilhom il-VRT test u dan għaddiehom, meta suppost dawn weħlu mit-test. L-Awtorità appellata qalet li tant kienu spissi dawn il-każijiet li jinvolvu lill-appellant, li l-liċenzja tiegħu ta' operatur kienet itteħditlu, u l-*VRT station* tiegħu ngħalaq. L-Awtorità appellata qalet li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva m'għandux kompetenza biex jiddeċiedi lmenti ta' indoli kostituzzjonali, u fil-mertu m'hemm ebda ksur tal-jeddijiet tar-rikorrent minħabba nuqqas ta' smigħ xieraq. L-Awtorità appellata spjegat li hija għandha l-funzjoni ta' awtorità regolatorja, bl-obbligu li tirregola l-operat ta' *VRT stations* u li timponi punti penali u multi, skont dak li tiddisponi l-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15. L-appellata spjegat li din l-istess liġi tagħti l-

fakoltà lil min iħossu aggravat b'xi deċiżjoni tagħha, sabiex jappella mid-deċiżjonijiet tagħha quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, fejn wieħed jista' jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu kemm oralment kif ukoll bil-miktub. Barra minn hekk, f'każ li persuna tħossha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal, din għandha dritt tappella quddiem il-Qorti tal-Appell, u għalhekk id-deċiżjoni tal-Awtorità hija suġġetta għad-*doppio esame* quddiem żewġ qrati imparzjali u li jiffunzjonaw b'mod indipendenti minn xulxin. L-appellata qalet ukoll li t-Tribunal kien korrett meta ddeċieda li ma jistax jisma' lanjanzi ta' indoli kostituzzjonali, minħabba li l-Att li bih ġie mwaqqaf it-Tribunal ma jvestix lit-Tribunal bil-kompetenza li jisma' u jiddeċiedi lanjanzi ta' indoli kostituzzjonali. Dwar it-tieni aggravju sollevat mill-appellant, l-Awtorità appellata qalet li dan huwa ripetizzjoni tal-ewwel aggravju sollevat mill-appellant. L-appellata spjegat li m'hemm l-ebda provvediment tal-liġi li jimponi fuqha l-obbligu li wara li tkun investigat b'mod responsabbli u tkun sabet li hemm ksur tal-liġi, għandha tagħmel xi forma ta' proċess ġudizzjarju qabel timponi l-pieni stipulati fil-liġi. Dwar it-tielet aggravju, l-appellata tgħid li l-appellant donnu li qiegħed jgħid li t-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tal-provi u konsegwentement wasal għal deċiżjoni żbaljata fir-rigward tas-sejbiet fuq il-vettura Mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni JAD 513, u qalet li f'dan il-każ ma jeżistux l-estremi maħsuba biex din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-provi li diġà sar mill-ewwel Qorti. L-appellata għamlet sunt tal-fatti li jikkonċernaw din il-vettura, u qalet li din kienet inġabret mill-Pulizija wara li nstabet abbandunata fi stat diżastruż fi triq fil-Marsa, jumejn

biss wara li sar it-test tal-VRT fuqha mill-appellant. Il-vettura kienet inbiegħet minn ċertu Charles Borg, *second-hand car dealer* lil ċertu Tristan Tedesco li qagħad idur biha, u kien għalhekk li t-Tribunal aċċetta li parti mill-ħsara setgħet ġrat f'dawk il-jumejn, iżda daqstant ieħor m'aċċettax li wħud mill-ħsarat saru f'dak il-perijodu qasir ta' żmien. L-appellata qalet li ma jistax ikun li vettura li ilha barra mis-sena 1984 tirreġistra *0 emissions,* jew li f'jumejn din spiċċat bil-*wipers* mikulin, bid-dwal mhux allinejati u msadda, bil-*bellows* taż-żewġ naħat imqattgħin, u bi ħsara fis-*suspensions* u fl-*isteering.* L-appellata qalet li t-Tribunal evalwa l-provi kollha miġjuba, u dan wasal għall-konklużjoni li l-verżjoni mogħtija mill-appellant la għandha mis-sewwa u lanqas mhi verosimili. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-appellant, l-Awtorità appellata qalet li hija ppruvat li din il-vettura kellha diversi ħsarat u difetti li minħabba fihom ma setgħetx tgħaddi mit-test tal-VRT, u dawn il-ħsarat kollha ma setgħux ġew ikkawżati f'jumejn. Fir-rigward tar-raba' aggravju, l-appellata qalet li fost l-abbużi mwettqa mill-appellant kien hemm il-fatt li żewġ vetturi li ilhom barra numru konsiderevoli ta' snin, irreġistraw 0 *emissions,* meta dan huwa impossibbli, u għalhekk il-150 punt penali imposti fuq l-appellant huma ġustifikati. Il-ħames aggravju tal-appellant jirrigwarda l-ħsarat li nstabu fuq il-vettura Peugeot GBQ 715, li ukoll għaddiet mit-test b'0 *emissions,* u dan meta din il-vettura ukoll ilha barra diversi snin. Dwar is-sitt aggravju, l-Awtorità appellata qalet li m'hemm l-ebda dubju li l-appellant kiser id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi li jgħidu li l-operatur għandu josserva r-regolamenti u l-i*standards* dwar it-testijiet tal-vetturi biex jiżguraw li dawn huma tajba għat-

triq skont ir-regolamenti, u l-operaturi m'għandhom joħorġu l-ebda test pożittiv sakemm it-test ma jkunx sar b'mod komplut u l-elementi kollha jiġu ttestjati b'konformità mar-regolamenti u l-i*standards* meħtieġa taħt dawn ir-regolamenti, u għalhekk il-piena imposta fuqu hija ineċċepibbli u m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tiġi kkonfermata.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

14. Qabel tgħaddi biex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fid-dawl tar-risposta mogħtija mill-Awtorità appellata, fl-isfond tad-deċiżjoni tat-Tribunal, din il-Qorti sejra tikkonsidra l-eċċezzjonijiet dwar in-nullità tar-rikors tal-appell imressqa mill-Awtorità appellata. Filwaqt li huwa minnu li l-appellant għamel riferiment għal Qorti li ma teżistix fl-intestatura tar-rikors tal-appell tiegħu ('Fil-Qorti tal-Appell (Sede Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva'), jirriżulta li r-Reġistratur għaraf iressaq dan ir-rikors tal-appell quddiem din il-Qorti, ladarba kif inhu ben risaput, ma teżisti l-ebda Qorti bl-intestatura indikata mill-appellant, u ladarba huwa ċar li l-Qorti li quddiemha jridu jinġiebu appelli minn deċiżjonijiet tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva hija proprju din il-Qorti. In-nullità eċċepita mill-Awtorità appellata ma tirriżultax espressament mil-liġi, u l-Qorti tqis ukoll li minkejja li l-intestatura użata mill-appellant mhix dik korretta, dan ma ssarraf fl-ebda preġudizzju għall-Awtorità appellata, li xorta waħda ġiet notifikata bir-rikors tal-appell fit-terminu stabbilit mil-liġi u kellha ċ-ċans tressaq ir-risposta tagħha. L-Awtorità appellata

eċċepiet ukoll li r-rikors tal-appell imressaq mill-appellant huwa null għaliex l-appellant qiegħed jitlob lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka mhux biss id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal tat-30 ta' Mejju, 2019, iżda wkoll id-deċiżjoni meħuda mill-Awtorità appellata fit-18 ta' Ottubru, 2016. Il-Qorti tagħmilha ċara li minkejja l-fatt li t-talbiet kif dedotti mill-appellant ma jistgħux jiġu akkolti minnha għaliex din il-Qorti m'għandha l-ebda kompetenza fuq id-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet pubbliċi, madanakollu dan ma jwassalx għan-nullità tar-rikors tal-appell, u l-Qorti sejra tillimita ruħha għal deċiżjoni dwar l-aggravji mressqa mill-appellant limitatament sa fejn dawn jikkonċernaw id-deċiżjoni appellata tat-30 ta' Mejju, 2019.

15. Kwantu għall-fatt fit-talbiet tiegħu l-appellant talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-"atturi appellati" għall-ħlas tal-ispejjeż taż-żewġ istanzi, deċiżjoni dwar il-mod kif għandhom jiġu allokati l-ispejjeż, partikolarment wara li l-Awtorità appellata eċċepiet li l-appell tal-appellant huwa frivolu u vessatorju, sejra tingħata fl-aħħar ta' din id-deċiżjoni. Iżda li f'dan il-każ huwa ċar li r-rikorrent huwa l-appellant, filwaqt li l-Awtorità intimata hija l-appellata.

*L-Ewwel Aggravju:* *It-Tribunal kien żbaljat meta ddeċieda li l-ewwel lanjanza tal-appellant hija ta' indoli kostituzzjonali, u għalhekk ma ħax konjizzjoni tagħha*

16. L-appellant issottometta li skont l-artikolu 7(1) tal-Kap. 490 (L-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva), it-Tribunal għandu l-kompetenza li jirrevedi atti amministrattivi li jittieħdu minn awtoritajiet pubbliċi, u dan kemm fuq punti ta' fatt kif ukoll fuq punti ta' liġi. Huwa għalhekk, spjega l-appellant, li l-lanjanza tiegħu dwar ksur tal-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq, kellha tiġi kkonsidrata mit-Tribunal, peress li l-lanjanza tiegħu li ma ngħatax smigħ xieraq qabel ittieħdet id-deċiżjoni mill-Awtorità appellata, ukoll tammonta għal ksur tal-liġi, f'dan il-każ tal-Kostituzzjoni. L-appellant imbagħad għadda biex iċċita dak li jipprovdi l-artikolu 469A tal-Kap. 12, sabiex isaħħaħ l-argument tiegħu li meta awtorità pubblika tonqos milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali fit-twettiq ta' xi għemil amministrattiv, din tkun suxxettibbli għal stħarriġ ġudizzjarju li jista' jiddikjara l-att amministrattiv tagħha null, invalidu jew mingħajr effett.

Il-Qorti kkonsidrat li dan l-aggravju tal-appellant huwa marbut mal-ewwel lanjanza mressqa minnu quddiem it-Tribunal, fejn ilmenta mill-fatt li d-deċiżjoni tal-Awtorità appellata fil-konfront tiegħu ngħatat mingħajr mhu kellu l-opportunità jagħti l-verżjoni tiegħu tal-fatti kif ġraw, u għalhekk kien hemm ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali da parti tal-Awtorità appellata, u ksur tal-jedd għal smigħ xieraq kif protett bil-Kostituzzjoni. Il-Qorti tibda biex mill-ewwel tiddikjara li l-azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 469A tal-Kap. 12, hija differenti għalkollox mill-azzjonijiet li jimmeritaw stħarriġ mit-Tribunal. Id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 490 tfasslu b'tali mod li ma jkunx hemm lok għal *concurrent jurisdiction,* fis-sens li persuna għandha jedd tressaq l-ilment

tagħha jew quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, jew fejn il-każ ikun jinkwadra ruħha taħt dak li jipprovdi l-artikolu 469A (b) tal-Kapitolu 12, quddiem il-Qorti Ċivili. L-artikolu 7 tal-Kap. 490 jipprovdi illi:

> "It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' liġi u ta' fatt. It-Tribunal ikun ukoll kompetenti li jiddeċiedi tilwimiet li jiġu riferuti lilu kemm-il darba ma jkunx hemm xi qorti jew tribunal amministrattiv ieħor li jkun diġà qiegħed jieħu konjizzjoni ta' dik it-tilwima."

L-artikolu 469A tal-Kap. 12 min-naħa l-oħra jipprovdi illi:

> "(1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor fil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi għemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-għemil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss."

L-artikolu 469A (4) tal-Kap. 12 jipprovdi illi din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika fejn il-mod ta' kontestazzjoni jew il-kisba ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari, hemm provvediment dwaru f'xi liġi oħra. Huwa ċar għalhekk li l-leġiżlatur ma riedx li jkun hemm *concurrent jurisdiction,* dik tal-Qorti Ċivili u dik tat-Tribunal, u f'każijiet fejn il-liġi tistipula li deċiżjoni għandha tkun suġġetta għal stħarriġ mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, m'hemmx lok għal stħarriġ ukoll taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kap 12 quddiem il-Qorti Ċivili. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Raymond Abela *vs.* Awtorità għat-Trasport f'Malta**[4], fejn intqal:

[4] P.A., 23.02.2012.

> "Iżda huwa fatt li t-Tribunal imsemmi huwa kompetenti fir-rigward ta' dawk l-awtoritajiet pubbliċi jew dawk il-korpi biss li l-att kostitettiv tiegħu espressament jagħnih bihom fit-Tielet Skeda tiegħu – (Art. 25(2) tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta), u m'għandux is-setgħa li jistħarreġ l-għemil ta' awtoritajiet oħrajn li jaqgħu fil-kompetenza waħdanija ta' din il-Qorti. Minbarra dan, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 469A (4) tal-Kapitolu 12 jitkellmu fis-sens li s-setgħa ta' din il-Qorti li tisma' kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju tibqa' waħda residwali bħala garanzija aħħarija fejn il-persuna mġarrba ma jkollhiex rimedju ieħor ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju taħt xi liġi oħra jew quddiem xi tribunal ieħor."

Il-Qorti tirrileva li l-artikolu 40 tal-Kap. 499 (L-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta) jipprovdi illi t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu kompetenza jiddeċiedi dwar appelli magħmulin minn persuna li tħossha aggravata b'xi deċiżjoni tal-Awtorità, jew minn persuna li tħossha aggravata b'xi penali jew multi imposti fuqha mill-istess Awtorità.[5] Għalhekk f'dan il-każ, ir-rimedju li kellu l-appellant kien li jressaq il-lanjanza tiegħu quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, fejn huwa ilmenta mill-fatt li qabel ittieħdet id-deċiżjoni amministrattiva fil-konfront tiegħu, ma ngħatax smigħ xieraq. Huwa minnu li l-ksur lamentat mill-appellant jammonta għal ksur ta' jedd protett bid-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta, iżda minkejja li t-Tribunal għandu l-kompetenza jirrevedi atti amministrattivi fuq punti ta' liġi u ta' fatt, dan m'għandux ukoll il-kompetenza jippronunzja ruħu dwar jekk il-mod kif jitmexxew il-proċeduri minn awtorità regolatorja jammontax għal ksur tal-jeddijiet fundamentali ta' individwu jew le. Tali eżami jista' jsir minn Qorti

[5] L-artikolu 40 jispeċifika li dawn jinkludu "(a) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni tal-awtorità li tiċħad milli tagħti jew iġġedded, jew li tissospendi jew li tirrevoka awtorizzazzjoni, jew liċenzja jew permess, jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew esklużjonijiet f'liċenzja; u (b) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'xi piena amministrattiva jew ta' xort'oħra imposta fuq dik il-persuna mill-Awtorità."

ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali, u mhux minn Tribunal li twaqqaf limitatament sabiex jistħarreġ atti amministrattivi ta' awtoritajiet pubbliċi. It-Tribunal twaqqaf sabiex jirrevedi l-atti amministrattivi, u mhux il-proċess li wassal għat-teħid ta' deċiżjoni amministrattiva, u għalhekk it-Tribunal ma jistax jiddeċiedi jekk id-deċiżjoni tal-Awtorità tilledix il-jeddijiet fundamentali tal-appellant jew le. Tqis għalhekk li dan l-ewwel aggravju mhux mistħoqq u qiegħda tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *l-Awtorità appellata ddeċidiet qabel ma tat lill-appellant smigħ xieraq*

17. L-appellant ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal li l-Awtorità mxiet b'mod korrett meta tat id-deċiżjoni tagħha tat-18 ta' Ottubru, 2016, li permezz tagħha l-appellant safa penalizzat u mmultat minħabba fi ksur ta' diversi regolamenti tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15. L-appellant argumenta li minkejja li huwa kellu dritt jappella mid-deċiżjoni tal-Awtorità appellata, huwa ppretenda li jingħata smigħ xieraq qabel ittieħdet id-deċiżjoni amministrattiva fil-konfront tiegħu, u mhux wara.

Il-Qorti kkonsidrat li dak li qiegħed jilmenta dwaru l-appellant huwa l-fatt li l-Awtorità appellata ma tatux l-opportunità li jagħti l-verżjoni tiegħu tal-fatti kif ġraw qabel tat id-deċiżjoni tagħha tat-18 ta' Ottubru, 2016, u in vista ta' dan ġie leż il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Il-Qorti tirrileva li d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorità appellata bħala awtorità regolatorja ttieħdet b'konformità mal-provvedimenti tal-liġi, li tagħtiha l-fakultà tieħu deċiżjonijiet u timponi penali,

naturalment wara li jsir stħarriġ tal-għemil li jkun ser jiġi penalizzat b'dan il-mod. Iżda l-persuni li jiġu penalizzati għandhom il-jedd iressqu appell minn tali deċiżjonijiet quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, u wara d-deċiżjoni tat-Tribunal hemm jedd ta' appell ulterjuri quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri). Dan ifisser li d-deċiżjoni tal-Awtorità appellata tkun suġġetta għal żewġ saffi ta' stħarriġ u ta' reviżjoni wara li tingħata, fejn il-persuna li tressaq l-appell ikollha l-opportunità li tressaq is-sottomissjonijiet tagħha. Dan huwa dak li jiġri f'kull każ fejn awtorità regolatorja tieħu deċiżjonijiet amministrattivi, u għalhekk ċertament li ma jistax jintqal li l-appellant ma ngħatax smigħ xieraq, għaliex jirriżulta bl-aktar mod ċar li huwa kellu ċans iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu kemm quddiem it-Tribunal kif ukoll quddiem din il-Qorti. Tqis għalhekk li dan l-aggravvju mhux mistħoqq u qed tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *dwar il-vettura tat-tip Mercedes*

18. L-appellant ħassu ruħu aggravat ukoll għaliex it-Tribunal iddeċieda li ma jistax ikun li l-ħsara kollha li nstabet fuq il-vettura Mercedes ġrat f'jumejn, u dan peress li kienu saru żewġ testijiet tal-VRT fuq din il-vettura f'temp ta' ġimgħa, u filwaqt li fl-ewwel test l-appellant għadda din il-vettura mit-test, meta sar it-tieni test din il-vettura lanqas biss setgħet tistartja u ġie stabbilit li kellha diversi ħsarat fosthom magna sploduta, dawl li ma jinxtegħelx, batterija ma taħdimx, sadid, *seat* maqlugħ, *tyres* lixxi u problemi oħra li minħabba

fihom l-uffiċjali tal-Awtorità appellata qalu li din ma kellhiex tgħaddi mit-test tal-VRT. L-appellant qal li l-oneru tal-prova li l-ħsarat ikkonstatati fit-tieni test kienu diġà jeżistu meta sar l-ewwel test ġimgħa qabel, kien jinkombi fuq l-Awtorità appellata, ladarba hija allegat li din il-vettura għaddiet mit-test meta suppost li weħlet.

Il-Qorti kkonsidrat li t-Tribunal wasal għall-konklużjoni li l-vettura Mercedes kellha diversi ħsarat li ma setgħux saru f'jumejn, wara li kkonsidra l-provi kollha miġjuba, u filwaqt li kkonċeda li ċerti ħsarat setgħu saru fil-jumejn li din il-vettura damet tinstaq minn Tristan Tedesco, bħall-possibilità li t-*tyres* inbidlu, jew li s-*seat* seta' jinqala', kien hemm għadd ta' ħsarat oħra li din il-vettura kellha li ma setgħux saru f'jumejn, bħas-sadid, iż-żejt mal-magna, il-fatt li din irreġistrat 0 *emissions* meta kienet ilha barra aktar minn ħamsa u tletin sena, u problemi oħra li minħabba fihom din il-vettura kellha tiġi irmunkata biex ittieħdet fil-garaxx tal-appellant, għaliex lanqas biss setgħet tinstaq. Mill-assjem tal-provi u minn dak li ntqal quddiem it-Tribunal, m'hemm xejn li jindika li t-Tribunal għamel evalwazzjoni ħażina tal-provi li kellu quddiemu, jew li t-Tribunal kellu xi raġuni għalfejn jiddubita li l-ħsara li kellha din il-vettura mhux vera li ġrat kollha f'jumejn. Il-Qorti tagħmel riferiment għall-fatt li anki sempliċiment il-*wipers* tal-vettura, oġġett li ma jiswiex ħafna flus u li faċilment jinbidel anki minn persuna li ma tifhimx fil-karozzi, kienu mikulin, u dan meta ż-żewġ testijiet saru fix-xahar ta' Lulju, żmien tas-sena li fih wieħed normalment ma jagħmilx użu mill-*wipers.* Huwa għalhekk li din il-Qorti hija tal-fehma li t-Tribunal għamel evalwazzjoni korretta tal-provi miġjuba quddiemu,

u l-konklużjonijiet li wasal għalihom it-Tribunal bl-ebda mod ma jisfidaw is-sens ta' raġuni.

*Ir-raba' aggravju:* *ma ġiex ippruvat li l-appellant kien ħati tal-offiża rigward il-vettura Mercedes li minħabba fiha ġew imposti fuqu 150 punt penali*

19. L-appellant qal li jħoss ruħu aggravat mill-parti tad-deċiżjoni tat-Tribunal li tgħid li huwa għandu jeħel 150 punt penali taħt il-Partita 7 tat-Tnax-il Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15 wara li nstab ħati ta' *"a serious offence not necessarily connected with mandatory testing but could affect the proper performance of testing."*

Il-Qorti kkonsidrat li t-Tribunal sab lill-appellant ħati ta' reat gravi li mhux bilfors li huwa marbut mal-ittestjar mandatorju ta' vettura iżda li jista' jaffettwa t-twettiq kif suppost tat-testijiet tal-VRT. Jirriżulta li fil-każ tal-vettura Mercedes, vettura li ilha barra mis-sena 1984, l-ewwel test li għamel l-appellant irreġistra 0 *emissions.* Fit-tieni test tal-VRT li sar fuq l-istess vettura, dan it-test tal-emissjonijiet ma setax isir, u elementi tal-vettura li ġimgħa qabel jidher li kienu qegħdin jiffunzjonaw u li setgħu jiġu ttestjati, ma setgħux jerġgħu jiġu ttestjati għaliex din il-vettura nstabet bil-magna sploduta u lanqas biss setgħet tistartja. Il-Qorti kkonsidrat li mill-provi jirriżulta li kien hemm diversi nuqqasijiet fl-operat tal-appellant, li setgħu jaffettwaw it-twettiq kif suppost tat-test tal-VRT min-naħa tiegħu, partikolarment għaliex minkejja li vettura li kienet ilha barra ħamsa u tletin sena rreġistrat 0 *emissions,* l-

appellant baqa' għaddej bix-xogħol, mingħajr ma ssuspetta li seta' kellu xi ħsara fl-apparat li kien qiegħed jittestja bih il-vetturi. Il-Qorti tqis li xi ħadd li ilu f'dan ix-xogħol għal dawn is-snin kollha, kellu jinduna li kellu xi ħaġa li mhijiex tiffunzjona kif suppost, u għalhekk it-Tribunal kien korrett meta ddeċieda li l-appellant kellu jiġi penalizzat minħabba li bħala operatur ma kienx qiegħed jagħmel it-testijiet tal-VRT kif suppost.

*Il-ħames aggravju:* *nuqqas ta' smigħ qabel ittieħdet id-deċiżjoni fir-rigward tal-vettura Peugeot 206*

20. L-appellant ħass ruħu aggravat għaliex ġie penalizzat b'numru ta' punti taħt il-Partita 7 u 20 tat-Tnax-il Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja, u dan rigward it-test li sar minnu fuq il-vettura Peugeot. Il-Qorti tirrileva li mill-provi li tressqu quddiem it-Tribunal, jirriżulta li anki fil-każ ta' din il-vettura, it-test tal-emissjonijiet immarka 0, u minkejja li rriżultat problema bil-*front axle* ta' din il-vettura, u konsegwenza ta' hekk din ma kellhiex tgħaddi mit-test tal-VRT, l-appellant xorta waħda informa lill-Awtorità appellata li din kienet għaddiet, u meta ġie mistoqsi dwar ir-raġuni għal dan, wieġeb li din kienet xi ħaġa rraġunata minnu dak il-ħin. Il-punti penali imposti taħt il-Partita 20 jingħataw meta operatur jinjora difett f'vettura jew meta jirriżulta li dan naqas li jittestja t-*tyres.* Safejn jirriżulta li l-appellant injora dan id-difett fil-*front axle,* kienu korretti l-Awtorità appellata u t-Tribunal li ddeċidew li l-appellant kellu jiġi penalizzat, kemm għaliex jirriżulta li dan m'għamilx it-testijiet tal-VRT kif suppost, kif ukoll għax jirriżulta li l-appellant bħala *tester* u bħala operatur

injora difett f'vettura li kien qiegħed jittestja, u agħar minn hekk informa lill-Awtorità appellata li l-vettura kienet għaddiet mit-test meta minħabba dik il-problema suppost li kellha teħel.

*Is-sitt aggravju:* *l-1000 punt penali qua operatur u €11,000 multa amministrattiva*

21. Għal darb'oħra l-appellant jgħid li kieku huwa ngħata smigħ xieraq qabel ittieħdet id-deċiżjoni mill-Awtorità appellata, huwa ma kienx jeħel il-punti penali minħabba ksur tar-Regolament 10(1)(j) u (r) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15, u lanqas ma kien jeħel il-ħdax-il elf Euro (€11,000) penali minħabba f'dawn l-infrazzjonijiet. L-appellant weħel dawn il-punti penali kif ukoll din il-multa amministrattiva għaliex naqas milli josserva r-regolamenti u l-i*standards* dwar it-testijiet tal-vetturi sabiex jiġi assigurat li dawn huma tajbin għat-triq, kif ukoll għaliex l-appellant bħala operatur ħareġ riżultat pożittiv ta' test meta elementi minn dawk li ġew ittestjati ma kinux konformi mal-kundizzjonijiet u l-i*standards* meħtieġa taħt l-imsemmija regolamenti. Jirriżulta li l-appellant innifsu kien ammetta li f'istanza minnhom, minkejja li r-riżultat tat-test kien jindika li vettura kellha teħel mit-test, l-appellant iddeċieda li għandu jinforma lill-Awtorità appellata li din kienet għaddiet, u dan billi 'irraġunaha'. Ċertament li t-Tribunal ma kien jeħtieġ l-ebda prova akbar minn din li l-appellant kien qiegħed juża mekkaniżmi qarrieqa biex jgħaddi vetturi mit-test, meta dawn kellhom jeħlu għal xi raġuni jew oħra.

22. Fl-aħħar nett, din il-Qorti tirrileva li dawn is-sitt aggravji mressqa mill-appellant setgħu jinġabru taħt aggravju wieħed, għaliex l-argumenti tiegħu jippernjaw kollha mal-fatt li skont hu ma ngħatax smigħ xieraq qabel ittieħdet id-deċiżjoni mill-Awtorità appellata. Il-Qorti hija tal-fehma li f'każijiet bħal dak odjern, l-Awtorità appellata bħala awtorità regolatorja għandha l-funzjoni li tiddeċiedi u timponi penali u multi amministrattivi wara stħarriġ responsabbli li jsir mill-uffiċjali tagħha, ilkoll uffiċjali pubbliċi. Persuna li tħossha aggravata minn dik id-deċiżjoni, għandha dritt tappella minnha permezz ta' rikors quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, kif fil-fatt jirriżulta li għamel l-appellant, u f'każ li persuna tħoss ruħha aggravata anki mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal, din għandha dritt tressaq il-lanjanzi tagħha quddiem din il-Qorti. Altru milli l-appellant ma ngħatax smigħ, u ma ngħatax iċ-ċans jgħid tiegħu. Is-smigħ xieraq tal-appellant iżda ma jfissirx li għandu bilfors jingħata raġun, għaliex minkejja l-aggravji mressqa minnu u l-lanjanzi li tqajmu minnu kemm quddiem din il-Qorti, kif ukoll quddiem it-Tribunal, il-provi u l-fatti kif seħħew ma jagħtux raġun il-mod kif huwa għażel li jmexxi l-operat tiegħu. Huwa għalhekk li dan l-appell qiegħed jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħad l-aggravji kollha mressqa mill-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**